IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru66(Sitta u Sittin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar it-Tnejn 11 ta' Diċembru, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**66.1. Item Nru 66.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

66.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.10 u kulħadd kien preżenti

**66.2. Item Nru. 66.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

66.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u kien hemm talba biex tizdied sentenza oħra mil-Viċi Sindku. Is-Sa Pulis riedet iżżid ma minuta 65.3.6 li hi staqsiet jekk imxejniex skond il-Kundizzjonijiet li ftehmna fuqhom. Is-Sindku kompla u qal li iva.

Wara din il-talba kulħadd qabel u l-Minuti ittieħdu approvati.

**66.3. Item Nru. 66.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

66.3.1 Is-Sindku qal li r-rapport mal-MCCAA dwar il-bandli ta' isfel irrispondejna kollox pero iridu xi ritratti oħra.

66.3.2. Is-Sindku qal li dwar il-*jogging track* iltaqa' mal-PM personalment f'attività oħra u qallu li qiegħed ikellem lil Ministri konċernati.

Is-Sindku qal li ltaqa wkoll mas-Sur Steve Ellul ta' Projects Green u jidher li ser issir jew parti minnha. Is-Sur Attard kompla u qal għandu laqgħa wkoll ma' Infrastruttura Malta dwar l-istess jogging track sabiex naraw kif nistgħu naħdmu fuqha. Għalhekk ser ikollu aktar aġġornament fil-laqgħa li jmiss.

66.3.3 Is-Sindku qal li għal attivitajiet tal-Milied il-posters ġew ippublikati u kif wieħed jista jara din is-sena l-attivitajiet ser ikunu inqas mis-sena l-oħra pero il-budget huwa limitat. Ser jintuzaw biss fondi li ser jinġiebu mir-Reġjun Port ta' €10,000.

Bihom ser isir it-tiżjin tal-Milied, attivita tas-17 ta' Diċembru ta' ikel u xorb tradizzjonali tal-Milied u mużika. Ser ikollna wkoll mascots ta' Mickey u Minnie Mouse 2 Bouncing Castles, kif ukoll slide kbira li għat tfal.

66.3.4 Is-Sur Attard qal l-Concession bħalissa on hold sakemm ingibu d-dawl u ilma pero l-Kuntrattur rebbiegħ diġa qiegħed jaħseb kif ser jibda.

66.3.5 Is-Sindku qal li dwar l-aċċident tal-Bankina li ċediet fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja li tela' fuqha t-trakk tal-iskart bħala Kunsill batna ittri uffiċjali bl-avukat lil Infrastruttura Malta, Kuntrattur tal-iskart u Enemalta sabiex inkunu koperti bil-liġi

Il-Perit ta' IM għandu jkellimna fi żmien qasir peress li jinsab ma jiflaħx.

66.3.6 Is-Sindku qal li ħawwilna ponsjetti fir-roundabout u ġew sbieħ ħafna issa ser nieħdu ħsieb li nsaqquhom regolarment.

66.3.7 Is-Sindku qal li sar xogħol ta' żbir ta' siġar fi Triq Orlando Zabbar u fejn il-Knisja. Dawn kienu ilhom snin ma jinżabru u kienu qed iħammġu ħafna.

**66.4 Item Nru 66.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

66.4.1 Is-Sa. Borg staqsiet dwar l-ittra tal-Avukat u Alijoy Centre. Is-Sur Raymond Camilleri qallha li l-Avukat qallu li jekk nibqgħu ma nirċievu xejn ninjurawha.

66.4.2 Is-Sur Camilleri qal li d-dawl tal-prominade mhux jixgħel sew tajjeb li nkellmu l-Public Works sabiex jirranġawh skont il-ħin kif suppost.

66.4.3 Is-Sa. Doris Borg bdiet billi tagħt l-awguri l-kulħadd. Imbgħad kompliet u rringrazzjat lill-Gvern Ċentrali li qiegħed joħroġ skemi sabiex jgħin lil Kunsilli jwettqu proġetti varji

66.4.4 Is-Sa Borg qalet li din is-sena kellna attivitajiet tajbin b'suċċess bħal ta' Halloween, San Martin u ipparteċipaw ħafna nies u tfal dawn l-attivitajiet kienu b'suċċess bl-għajnuna wkoll tal-iskola li selfuna tough trays.

Issa imiss tal-Milied u Jum il-Premjazzjoni nhar id-19 ta' Diċembru u bħas-sena l-oħra xtrajnilhom kotba sbieħ u xi ħaġa żgħira bħala rigal. Ħsibna wkoll f'dawk li ma jiġux skola x-Xgħajra.

66.4.5 Is-Sa Borg qalet li Alijoy naddfitu u ser tixtri l-covers minħabba s-siġġijiet li huma mqattgħin u tirranġhom.

66.4.6 Is-Sa Borg staqsiet jekk nistgħux nagħmlu bollard fi Triq A. G Chesney minħabba li qed isibuha diffiċli biex joħorġu mil-Garaxxijiet. Is-Sindku qal li ser jiċċekja eżatt fejn.

**66.5 Item Nru. 66.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

66.5.1 Ma kienx hemm rapporti

**66.6 Item Nru. 66.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

66.6.1 Il-Kunsill qabel li jaħtar lis-Sa. Doris Borg bħala Kunsilliera Reġjonali għat Tfal.

**66.7 Item Nru. 66.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

66.7.1 Pagamenti b'numru 129 ġew approvati unanimament.

**66.8 Item Nru. 66.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

66.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**66.9 Item Nru. 66.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

66.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.50pm. Aġġornament għal nhar it-Tlieta 16 ta' Jannar.

Ranier Busuttil | Neil Attard